# QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAT-3 TA' DICEMBRU 2020

**PROVVEDIMENT AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 231 TAL-KAP. 12**

**Kawza Numru: 2K**

**Rik. Gur. 114/19 RGM**

**Carmela Briffa et.**
**Vs.**
**L-Avukat Ġenerali illum l-Avukat tal-Istat et.**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment moghti ghall-finijiet tal-**Artikolu 231 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta wara talba imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat permezz ta' **rikors ipprezentat fit-2 ta' Lulju 2020** li permezz tieghu talab, ghar-ragunijiet hemm moghtija, li ai termini tal-Artikolu 231 (1) tal-Kap. 12 jinghata l-permess specjali sabiex jappella mis-sentenza preliminari deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-30 ta' Gunju 2020.

L-atturi wiegbu permezz ta' risposta pprezentata fil-21 ta' Ottubru 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed jopponu ghar-rikors imsemmi.

L-intimata Awtorita' tal-Artjijiet b'risposta tat-22 ta' Ottubru 2020 iddikjarat li qed taqbel li l-intimat Avukat tal-Istat jinghata l-permess sabiex jappella mis-sentenza in parte tat-30 ta' Gunju 2020.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

B'sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 2020 gew michuda it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u l-ewwel eccezzjoni tal-intimata Awtorita'.

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa illi it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi s-sitwazzjoni taghhom illum giet rimedjata bid-dhul fis-sehh tal-Artikolu 65 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 475 tal-Ligijiet ta' Malta) f'April 2017 b'dan illi inholoq access legali u gudizzjarju xieraq u effettiv sabiex ir-rikorrenti jkunu jistghu jaghmlu uzu minnu. Permezz tar-raba eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li kull decizzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghall-art li giet esproprjata kif ukoll kumpens ghar-rigward ta' danni materjali u danni morali tista' llum tinghata mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet bis-sahha tal-Artikolu 65 tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jehtieg ghalhekk illi l-Qorti tiddelibera dwar it-talba tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jinghata permess li jappella mis-sentenza imemmija f'dan l-istadju qabel mal-Qorti tinvesti u tiddeciedi l-mertu.

Ikkonsidrat;

Bis-sahha tal-**Artikolu 231 (1) tal-Kap. 12** huwa mehtieg il-permess tal-Qorti sabiex parti tressaq appell minn sentenza preliminari jew in parte fil-mertu li tkun qatghet kwistjoni separata minn ghadd ta' kwistjonijiet f'kawza, qabel ma' l-kawza tkun inqatghet fil-mertu b'mod finali.

Fir-rikors tieghu tat-2 ta' Lulju 2020 l-intimat Avukat tal-Istat iressaq bhala raguni ghat-talba tieghu ghall-permess sabiex jappella f'dan l-istadju ghaliex isostni illi l-kaz mertu tal-kawza odjerna huwa differenti minn kazijiet ohrajn stante li l-kawza giet istitwita wara li l-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta dahal fis-sehh li skond l-intimat, hawn rikorrent, jipprovdi rimedju ordinarju ghall-ilmenti tar-rikorrenti u ghalhekk mhux moghti lilhom li jistitwixxu kawza ta' indoli kostituzzjonali. Ghalhekk l-intimat hawn rikorrent jissottometti illi ir-rimedji li jipprovdi l-Kap. 573 inholqu proprju sabiex jindirizzaw kazijiet bhal dawk tar-rikorrenti u li ghalhekk huwa mill-aktar indikat illi fuq dan il-punt ikun hemm pronunzjament mill-Qorti Kostituzzjonali qabel mal-kawza titkompla bil-gbir tal-provi u jkun hemm sentenza fuq il-mertu.

Ikkonsidrat;

Gie ritentu illi:"....... l-procedura mfissra fil-proviso tal-artikolu 231(1) tal-Kap 12 hija l-eccezzjoni ghar-regola li l-appell, ukoll minn sentenzi dwar kwestjonijiet maqtugha b'kapi separati, ghandu jsir wara s-sentenza ahharija; ................ Illi din il-Qorti, fid-decizjoni taghha jekk thallix lill-kumpannija rikorrenti tappella mid-decizjoni taghha, m'ghandha thares lejn xejn ghajr l-utilita' prattika u l-ekwita' li tippermetti li l-appell isir. Certament li din il-Qorti m'ghandhiex taghmilha hi ta' qorti tal-appell jew li terga' tqis fil-mertu l-konsiderazzjonijiet li hija tkun ghamlet meta tat id- decizjoni taghha impunjata;" [Provvediment - **Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited** - Prim' Awla - 09.01.2002 - Citaz 1021/2000/1JRM]

Intqal ukoll illi: "Ma hemmx dubbju li l-iskop tal-legislatur meta ssostitwixxa, fl-1995 bl-Att XXIV ta' dik is-sena, l-Artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif kien precedentement bl-artikolu kif inhu llum, kien li jillimita l-ispezzettar tal-kawzi b'appelli interposti minn kull wahda mis-sentenzi in parte li tista' maz-zmien tinghata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawza kollha kemm hi tigi determinata, ghall-anqas fl-ewwel grad. In fatti, kif kien dana l-artikolu qabel ma gie sostitwit bl-Artikolu 114 tal-imsemmi Att, kien hemm il-possibilita` fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti sokkombenti li jew tappella minn wahda jew aktar mid-diversi sentenzi "wara li tinghata l-ahhar sentenza" jew li tappella minn kull sentenza separatament hekk kif din tinghata. Bid-disposizzjoni l-gdida l-legislatur ma nehhiex ghal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli tappella minn sentenza in parte, izda

ghamilha kundizzjonata ghall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza in parte. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kull interpretazzjoni li talvolta tista’ tkun mehtiega fir-rigward ta’ l-Artikolu 231 ghandha tkun wahda restrittiva, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li jargina z-zminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawzi. [**Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St George noe. vs Joseph Vella Galea et.** - Qorti tal-Appell - 16.12.2003 - Appell Civili Numru. 400/1990/3]

Ikkunsidrat;

Is-sentenza tad-29 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet Stephanie Zammit et vs L-Awtorita' tal-Artijiet et. moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta u li ghaliha ghamlu referenza ir-rikorrenti, intimati fir-rikors in dizamina, m'ghandha l-ebda rilevanza ghall-mertu tad-digriet odjern in kwantu dik is-sentenza ma trattatx u lanqas iddecidiet talba ghall-permess ghall-appell minn sentenza parjzali.

Tenut kont il-hsieb tal-Legislatur wara l-promulgazzjoni tal-Artikolu 231 tal-Kap. 12, huwa doveruz fuq il-Qorti illi taghti interpretazzjoni strettissima meta tigi biex tiddeciedi jekk jezistux cirkostanzi impellenti illi jkun ekwu, gust u floku li appell minn sentenza parzjali jithalla jsir mill-ewwel u mhux jistenna li jigi intavolat mas-sentenza finali. Il-konsiderazzjonijiet moghtija mill-Qorti fis-sentenza in parte tista' tghid m'ghandhom l-ebda piz u rilevanza meta tigi sabiex tilqa' jew tichad talba ghall-permess li jsir appell minn sentenza parzjali.

F'kazijiet simili l-Qorti trid taghmel ezercizzju komparattiv bejn ix-xenarju u l-konsegwenzi jekk tippermetti li jsir appell minn sentenza parzjali max-xenarju u l-konsegwenzi jekk ma tippermettiex li jsir tali appell.

L-intimat Avukat tal-Istat isostni illi stante n-novita' tal-mertu tal-eccezzjonijiet preliminari decizi bis-sentenza in parte de quo huwa mill-aktar indikat illi l-Qorti tippermettilu jappella f'dan l-istadju sabiex ikun hemm pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali qabel ma' l-Qorti tinvesti l-mertu.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq ir-ragunament tal-Avukat tal-Istat u filwaqt li tqis li mhux argument frivolu fl-istess hin tqis illi ma jkunx ekwu u gust illi tispezza l-kawza odjerna b'appell f'nofs il-kawza tenut kont li l-mertu jirrigwarda esproprju li sehh fis-sena 1969 kif ukoll id-diversi proceduri gudizzjarji li r-rikorrenti u l-antekawza taghhom istitwew dwar l-ilmenti taghhom sew quddiem il-Qrati nostrani kif ukoll quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Temmen illi fl-eventwalita' li l-Qorti kellha taghti l-permess ghall-appell f'dan l-istadju u l-appell jigi michud, il-pregudizzju tal-atturi jkun ferm akbar minn dak li talvolta jsofru l-konvenuti jekk il-Qorti ma taghtix permess li jsir appell f'dan l-istadju. [Ara **Tigran Arutyunyan v Property Consultants ATW Limited** (PA/318/12JRM/04.07.2017 fejn il-Qorti ma tatx permess li jsir appell minn sentenza in parte li kienet cahdet eccezzjoni preliminari fejn gie eccepiet in-nullita' tar-rikors guramentat promotur u irriteniet illi ic-cahda tal-permess ghal appell f'dak l-istadju ma kien ser johloq l-ebda pregudizzju lil min talab tali appell li dejjem kien ser jibqalu d-dritt li jappella mas-sentenza finali].

Hekk ukoll fil-kawza odjerna, l-ebda pregudizzju ma ser isofru l-konvenuti jekk il-Qorti tiprosegwi bis-smiegh tal-kawza stante li ma ser isofru l-ebda debilita' sabiex jiddefendu l-posizzjoni taghhom ab bazi tal-eccezzjonijiet fil-mertu. F'dan l-ezercizju l-Qorti ghandha tkun gwidata mill-interessi diretti tal-partijiet fil-kawza u mhux minn interessi li jmorru oltre l-konfini tal-kawza odjerna. Il-gwida gurisprudenzjonali li l-konvenuti jixtiequ dejjem ser tkun ghadha possibbli jekk tali gwida tigi ottenuta minn appell wara sentenza finali fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tipprovdi dwar ir-rikors tal-intimat Avukat tal-Istat tat-2 ta' Lulju 2020 bil-mod segwenti:

1. Tichad it-talba biex jithalla jappella mis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-30 ta' Gunju 2020 billi r-ragunijiet moghtija ma humiex tajbin fil-ligi; u dan bla pregudizzju ghall-jedd tieghu li jista' jappella dwar dan il-kap fil-waqt opportun wara s-sentenza finali;

2. Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawza;

Moqrija.

**Robert G. Mangion**

**Imhallef**

3 ta’ Dicembru, 2020

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**